ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA EUROPSKI PARLAMENT PARLAMENTO EUROPEO
EIROPAS PARLAMENTS EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW
EUROPEES PARLEMENT PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN
EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

Der Präsident

Onor Anġlu Farrugia
Speaker
Kamra tad-Deputati
Il-Palazz
VALLETTA - VLT 1115

309328 05.06.2014

Sur Speaker, għażiż kollega,

Fir-rapport tas-16 ta' April 2014 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, is-sessjoni plenarja esprimiet il-fehma li l-Parlament Ewropew għandu jaħdem saħansitra aktar mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali. Fuq dak l-isfond, nixtieq niġbed l-attenzjoni tiegħek għall-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-2014.

Il-programm ta' ħidma annwali tal-Kummissjoni Ewropea fih, fost l-oħrajn, 21 proposta għall-emendar ta' atti leġiżlattivi eżistenti (ara l-lista annessa). Bil-għan li jiġbor kemm jista' jkun informazzjoni dwar kif iffunzjonat sal-lum il-leġiżlazzjoni eżistenti, il-Parlament Ewropew jixtieq jikkonsulta lill-parlament tiegħek ħalli jutilizza l-esperjenza u l-għarfien tal-membri tal-assemblea nazzjonali tiegħek.

Il-kontribut tagħkom jista' jkun ta' valur għall-Parlament Ewropew meta dan ikun jeħtieġlu jikkunsidra l-proposti konkreti li l-Kummissjoni sejra tagħmel għall-emendar ta' atti leġiżlattivi eżistenti. Bil-kontribut tagħkom, il-Parlament Ewropew se jkun jista' jivvaluta aħjar il-mod kif il-leġiżlazzjoni u l-programmi ta' nfiq eżistenti qed jiffunzjonaw effettivament, u x'inhuma n-nuqqasijiet li għandhom jitqiesu fit-tfassil u r-rieżami tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki tal-UE.

Il-Parlament Ewropew jixtieq ħafna jaħdem sistematikament mal-assemblea nazzjonali tiegħek ukoll rigward l-emendar ta' leġiżlazzjoni mniżżla fi programmi ta' ħidma annwali futuri tal-Kummissjoni Ewropea.

Dejjem tiegħek,

Martin Schulz

Annessa: Lista tal-atti leġiżlattivi li l-Kummissjoni biħsiebha temenda